**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A40/10

19 ta’ Frar 2010

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/40**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir nhar **il-Ħamis 25 ta’ Frar 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira, wara kusultazzjoni mal-Kunsillieri.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ *Request Sheets*
5. Assenjar ta’ responsabbiltajiet tal-Kunsillieri
6. Diskussjoni u Approvazzjoni għall-pubblikazzjoni ta’ Sejħa ta’ Offerti għar-*re-surfacing* ta’ toroq – Immakulata Kunċizzjoni – Nicola Cottoner – Coleridge
7. Diskussjoni u Approvazzjoni għall-pubblikazzjoni ta’ Sejħa ta’ Offerti għall-Ġbir ta’ Skart Imħallat
8. Diskussjoni dwar għall-kwotazzjonijiet ta’:
   - ***GLC Quote 001/2010 – Server, Rack and UPS***
   - ***GLC Quote 002/2010 – PBX and IP Phones***
   - ***GLC Quote 003/2010 – Laptops and Photocopier***
9. Diskussjoni u Approvazzjoni ta’ l-Iskema ta’ Skart Separat
10. Diskussjoni u Approvazzjoni tat-*Trial Balances* minn April sa Diċembru 2009 u l-*Financial Statements*
11. Affarijiet Oħra
12. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

6 t' April 2010

Ref Nru.Klg5/040

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/40 li saret il-Ħamis 25 ta' Frar 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Seba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg, d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco u l-Assistant Prinċipali Fabian Borg.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fid-19 ta' Frar 2010.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 25 ta' Frar 2010, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Iċ-*Chairman* ressaq emenda f'paġna Nru: 3 fl-aħħar para ta' 2.2. wara l-kliem 'mas-Sur Stivala sabiex' trid tiżdied din il-frażi ' jiddiskuti miegħu dwar il-permess tal-Pulizija fir-rispett tal-*loading/unloading bay* fi Triq Ponsonby madanakollu, hu kien ser joqgħod għad-deċiżjoni tal-Kunsill' u titneħħa l-frażi 'jinfurmah bil-pożizzjoni ġdida tal-Kunsill'.

Il-Viċi-Sindku ressaq emenda fl-istess paragrafu wara l-kliem 'għandu jiltaqa' trid titneħħa l-frażi ' kemm mal-*G.R.T.U.* kif ukoll'

Emenda oħra li tressqet mill-Viċi-Sindku kienet f'paġna Nru: 5 fil-ħames paragrafu, wara l-kelma 'inbiegħ' trid tiżdied il-kelma 'x'aktarx'.

Il-Kunsillier Anthony Abela ssekonda l-emendi hawn fuq mressqa.

**1.3.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'paġna Nru: 9 kien żdied il-paragrafu 3.5.

Minħabba li ma kienx hemm aktar emendi, l-minuti kif emendati ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Joe Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

**2.1. Paġna Nru: 5 –** it-tielet paragrafu re: *Sundew Enterprises Ltd*

Il-Viċi-Sindku qal, li kien ċempillu Albert Galdes fejn dan qallu li minħabba l-fatt, li hu kien biegħ sehmu, xtaq li jiltaqa' mal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni għall-problema li nħolqot dwar il-kontijiet tal-kera tal-kontijiet tad-dawl u ilma ta' l-Uffiċċju Amministrattiv.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Viċi-Sindku jattendi għal din il-laqgħa.

**2.2.** Iċ-*Chairman* qal li hu kien ikkuntattja lil Dott Buontempo sabiex tiġi diskussa l-materja dwar l-ammont ta' €508.50 liema ammont, kien ġie mnaqqas mill-ammont tal-kera dovuta għaċ-Ċentru ta' l-Attivitajiet għall-kabinet biex jingħalqu l-*meters* u li fil-laqgħa tal-Kunsill li kienet saret fit-22 ta' Diċembru 2009, kien ġie deċiż li hu kellu jinnegozzja ma' Dott Buontempo sa massimu ta' €200.00. Huwa kompla jgħid, li Dott Buontempo kien spjegalu li hu ried l-ammont tal-kera kif kien dovut u jekk il-Kunsill kellu jagħmel xi *claim* din kellha tkun apparti u dan minħabba l-fatt, li jekk wieħed ma jħallasx l-ammont tal-kera kollu, jkun moruż u jekk il-każ jerġa' jirrepeti ruhu, tiġi żgumbrat.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jitħallas l-ammont ta' €508.50.

**2.3.** Iċ-*Chairman* qal, li l-*MIDI plc* kienet laqgħet it-talba tal-Kunsill biex issir laqgħa sabiex tiġi diskussa aktar fid-dettal il-materja dwar restrizzjoni għall-aċċess kemm għall-vetturi kif ukoll, għall-*pedestrians* ħlief għal dawk il-persuni li ġenwinament għandhom interess f'dan ir-rispett minħabba l-kwantita' ta' skart li qed jintefa' f'*Manoel Island.*

Għalhekk, ġie deċiż li ċ-*Chairman* flimkien mal-Viċi-Sindku għandhom jattendu għal din il-laqgħa li ser issir fil-11 ta' Marzu 2010 fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju tal-*MIDI plc*.

## 2.4. *Loading/Unloading Bay fi Triq Ponsonby*

Inqrat ittra mibgħuta mill-Avukat Alexia L. Farrugia Zrinzo għan-nom ta' Michael Stivala rigward is-suġġett hawn fuq msemmi. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid, li rigward l-aħħar paragrafu ta' l-istess ittra fejn jgħid 'li qabel ma l-Kunsill jieħu xi passi oħra, li bid-dovut rispett jiġi osservat li ma humiex meħtieġa, għandu jagħti lill-mittenti aktar żmien biex isiru l-verifiki meħtieġa, dan apparti li l-Kunsill għandu jintervjeni ma' l-Awtoritajiet biex isiru l-konfermi meħtieġa', hi kienet diġa' kitbet lit-TM qabel ma l-Kunsill irċieva l-ittra.

Intervjena bil-permess tal-Kunsill, Michael Stivala u talab biex għall-kuntrarju ta' l-azzjoni li ha l-Kunsill fir-rispett tal-*loading/unloading bay* fi Triq ix-Xatt, jingħata aktar żmien biex iġib kopja tal-permess tal-*loading/unloading bay* fi Triq Ponsonby. Hu kompla jgħid, li kien bagħat ittra lill-Pulizija sabiex tintbagħat kopja tal-permess għaliex qabel ma twaqqfet it-TCB, dawn kienu jinħarġu mill-Pulizija jiġifieri qabel 1995 pero,' sa dak in-nhar tal-laqgħa kien għadu ma rċieva ebda risposta.

Għaldaqstant, ma kellux alternattiva oħra ħlief li jitlob għal aktar żmien jew japplika għall-permess ġdid.

Filwaqt li l-Viċi-Sindku qal, li fir-rispett tal-l*oading/unloading bay* fi Triq ix-Xatt il-Kunsill m'oġġezjonax għaliha iżda għad-daqs tagħha, wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li Michael Stivala għandu japplika għall-permess ġdid fi Triq Ponsonby.

## 2.5. *Alighting/Boarding Bay* fi Triq ix-Xatt

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-Perit Lara Demicoli ta' l-ADT kienet bagħtet kif għandhom ikunu t-tabelli dwar is-suġġet hawn fuq msemmi iżda bil-ħinijiet.

Għall-kumment tas-Sur Stivala li l-ħinijiet kienu ġew irtirati minn fuq it-tabelli għar-raġuni li l-*coaches* bit-turisti ma kellhomx ħinijiet fissi meta dawn ikunu fill-lukandi, hi nfurmat, li kellha terġa' tivverifika dan mal-Perit Lara Demicoli.

Michael Stivala qal, li kemm dik ta' Triq il-Flotta kif ukoll, tabelli oħra simili li jinsabu fix-Xatt huma kollha mingħajr ħin. Huwa xtaq ukoll, li l-Kunsill jikkonsidra t-talba tiegħu għall-*assembley point*.

Iċ-*Chairman* qal, li ma tagħmilx sens jekk kull lukanda tagħmel *assembley point*.

Michael Stivala qal, li jekk il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni, jagħmel rapport dwar din il-materja a spejjeż tiegħu.

Il-Viċi-Sindku qal, li qabel mas-Sur Stivala jagħmel dan ir-rapport, xtaq li l-Kunsill jkollu l-gwida tat-TM.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal il-Viċi-Sindku.

### 2.6. *Loading/Unloading Bay fi Triq il-Flotta*

Matul id-diskussjoni li saret dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi, fejn fost affarijiet oħra, s-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont ta' dak li kitbet lill-Perit Lara Demicoli, li l-permess oriġinali kien ta' tnax –il metru u r-raġuni l-għala ġiet estiża kienet minħabba *truck* tal-luminata, iċ-*Chairman* qal, li Il-Kunsill fil-prinċipju ma kienx kontra tagħha iżda kien il-mod ta' kif saret u l-Kunsillier Ian Micallef qal, li minħabba li f'dik l-*area* l-*parking* żdied, kien qed jissuġġerixxi li kif jispiċċa d-*double yellow line*, jibda t-tnax –il metru tal-*loading/unloading bay* u jitranġaw il-*parking bays* u b'hekk il-kantuniera ma tkunx ostakolata.

Il-Kunsill qabel unanimament, li dak li ssuġġerixxa l-Kunsillier Ian Micallef għandu jintbagħat lit-TM bħala l-proposta tal-Kunsill.

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-25 ta' Frar 2010 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-granet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat r-rapport preparat mill-Perit Joe Bugeja rigward in-*National Flood Relief Project* fejn ngħataw il-kummenti biex jittieħdu nkonsiderazzjoni mill-MEPA.

Wara diskussjoni qasira, ċ-*Chairman* qal, li l-Kunsill fil-prinċipju kien qed jaqbel mal-proġett pero' kien qed jipproponi li nkluż fir-rapport mħejji mill-Perit, jiġi nkluż kumment ieħor, li l-Kunsill jixtieq ikun infurmat meta tkun ser issir il-laqgħa tad-DCC biex kemm rappreżentant tal-Kunsill kif ukoll il-Perit ikunu preżenti.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rapport tal-Perit u ma' dak li ġie propost miċ-*Chairman*.

**3.4.** Rigward *Memo 21/2010* – Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar, il-Kunsill kien issottometta l-applikazzjoni tiegħu fir-rispett ta' *Fawwara Gate – Pjazza Gerry Zammit* magħruf bħala Bieb il-Gżira.

**3.5.** Ġie deċiż unanimament li ċ-*Chairman* u l-Kunsillier Anthony Grech jattendu għall-*Business Breakfast* li ser isir is-Sibt 6 ta' Marzu 2010 fit-08.30 a.m. fil-*Palace Hotel Sliema* rigward l-*E-Councils Launch* mniedi mid-ditta *TCTC.*

**3.6.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill kien irċieva kopja ta' ittra mibgħuta mill-Għaqda Sajjieda u Dilettanti – Gżira fejn din l-Għaqda kienet qed toġġezzjona minħabba l-fatt, li minkejja li l-pjanti ta' fejn kien propost il-*water taxi shelter* kienu ġew reviżjonati, xorta waħda ser ikun hemm impatt fuq l-irmiġġ ta' xi uħud mill-membri.

**3.7.** Il-Kunsill ġie nfurmat li rappreżentant tad-ditta *Clever Solutions Ltd* kien kellem lill-Assistent Prinċipali, Fabian Borg dwar programmi ta' *scheduling* għall-ħaddiema.

**3.8.** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li n-notifika ta' xogħlijiet proposti fit-Toroq Samuel Taylor Coleridge, Nicola Cottoner u Immakulata Kunċizzjoni lill-entitajiet konċernati kienet intbagħtet u sa dak in-nhar kienu wieġbu d-ditta *Vodafone Malta Ltd* fejn infurmat li ma kienx hemm ebda *underground services* u lanqas m'hemm pjanat li jgħaddu xi *underground services* fit-toroq hawn fuq imsemmija kif ukoll, l-Enemalta, li għalkemm infurmat li m'għandiex xogħlijiet programmati f'dawn it-toroq, pero' jibqa' l-fatt, li la s-servizzi huma eżistenti, jista' jinqala xi *cable faults* li eventwalment jirrikjedu *trenching* fl-*area*. L-Enemalta nfurmat ukoll, li hemm xi xogħol programmat fit-toroq Stuart, Cameron, Ponsonby u x-Xatt u l-*contact person* ser ikun l-Inġ A. Attard, anke d-Dipartiment responsabbli mill-i*Storm Water Unit* qal, li ma kellux xogħlijiet ppjanti f'dawn it-toroq.

Il-Kunsillier Ian Micallef ġibed l-attenzjoni li x'aktarx ser isir xi żvilupp fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni u għalhekk il-Kunsill kellu jikkuntattja l-Perit dwar dan.

### 3.8. *Tower Crane* fi Triq Ponsonby

Minħabba li s-Sinjuri Michael u Ivan Stivala kienu preżenti, ċ-*Chairman* talab jekk setgħux jipparteċipaw waqt id-diskussjoni.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-Kunsill kien irċieva l-*full development permit* flimkien ma' *site plan* kif ukoll, ir-rakkomandazzjoni tal-Perit dwar is-suġġett hawn fuq sopraċitat li dan ta' l-aħħar kien qed jikkonferma li ma jsib ebda oġġezzjoni għall-installazzjoni tat-*Tower Crane* minħabba l-fatt, li d-distanza permissibbli kienet 5.5. mtrs. filwaqt li l-kuntrattur kien ser iħalli 5.92 mtrs skont il-pjanti pero', kien ta' massimu mportanza li:

- l-applikant jrid ipoġġi t-tabelli kollha neċessarji għal *on coming vehicles*
- l-*area* tat-*tower crane* trid tkun mdawwla
- l-*parking* fuq iż-żewġ naħat tat-triq irid jitneħħa matul li jkun qed isir ix-xogħol.

Il-Viċi-Sindku qal, is-sit kien kbir bizzejjed u għalhekk kien qed jissuġġerixxi li t-*tower crane* jitpoġġa ġewwa fis-*site* madanakollu, s-Sur Stivala qal, li filwaqt li l-vantaġġ ta' dan it-*tower crane* kien li hu żgħir madanakollu, ma setgħax jintrama' fix-xaft ta' l-istess sit. Għalhekk, ried jintrama' bilfors fuq barra kif ukoll, iż-żmien ta' l-użu kien ta' madwar sitt xhur.

Matul id-diskussjoni li saret, ġew evalwati diversi opzjonijiet bħal alternattivi biex ma jintilifx il-*parking* fosthom, li jekk dan jintrama' fuq il-bankina, din kienet ser tkun ostakolata kompletament minħabba li kien hemm diġa' l-*boundary wall*.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-problema kienet meta n-nies jiġu biex jaqsmu t-triq u għalhekk fost affarijiet oħra kien qed jissuġġerixxi li matul ix-xahar li l-kuntrattur jtella' l-*boundary wall*, wara li jkun tlesta l-iskavar tas-sit, temporanjament dik il-biċċa tat-triq issir *one way* biex jiġi faċilitat it-traffiku. Ġie ssuġerit ukoll, li jsir *pedestrian crossing temporanju* jew *traffic calming measures*.

Wara din id-diskussjoni, ġie deċiż unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li :

- t-*tower crane* għandu jiġi installat parzjalment fuq il-bankina minħabba l-fatt, li trid tittieħed inkonsiderazzjoni l-qisien tat-*tower crane* u l-*parking alignment*.

- minħabba li l-parti ta' ġewwa tal-bankina kienet diġa' ostakolata bil-*boundary wall* li kien ġie mibni fuq struzzjonijiet mogħtija mill-MEPA, għar-raġunijiet ta' sigurta' u d-deċżjoni meħuda re: punt Nru: i. il-bankina ser tkun kollha ostakolata għalhekk, il-*boundary wall* jrid jiġi żmantellat fi żmien xahar minn meta jinħareġ il-permess għat-*tower crane*.
- kif jgħaddi x-xahar mill-installar tat-*tower crane*, l-area tal-*boundary wall* trid terġa' ssir *a safe pedestrian access* li trid tkun *in full compliance* ma' r-regolamenti kemm tal-MEPA kif ukoll, ma' ta' l-O.H.S.A.

- l-applikant jrid ipoġġi t-tabelli kollha neċessarji għal *on coming vehicles* kif ukoll, a *rubberised traffic calming measure* qabel u wara t-*tower crane*

- *fluorescent stickers* iridu jitwaħħlu f'kull kantuniera tat-*tower crane*

- l-*area* tat-*tower crane* trid tkun mdawwla

- r-regolamenti kollha tal-MEPA u ta' l-O.H.S.A. jridu jiġu nfurzati

- l-Kunsill jirriżerva d-dritt li joħroġ regolamenti oħra jekk ikun meħtieġ u li jridu jiġu osservati mill-applikant

Filwaqt li s-Sinjuri Stivala rringrazzjaw lill-Kunsill, il-Viċi-Sindku infurmahom li kienu jixtiequ l-għajnuna tagħhom sabiex ikun possibbli li jerġgħu jiġu organizzati is-*Summer Music Nights*.

**3.10.** Iċ-*Chairman* talab jekk il-Kunsill setax jissospendi l-Aġenda u jittratta *item* Nru: 8 ta' l-Aġenda minħabba li kien qed isir il-ħin u kien l-*Assistant Principle* Fabian Borg li kellu jagħti spjegazzjoni dwar din il-materja.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

8. **Diskussjoni dwar kwotazzjonijiet ta:**

***GLC Quote 001/2010 – Server – Rack - UPS***

**8.1.** Tqassmet *spread sheet* lill-Kunsillieri kollha (ara *Appendix 1*) Erba' kienu d-ditti li ssottomettew li kienu:

*Intercomp – Merlin – Forestals - Clever Solutions*

Il-Viċi-Sindku qal, li hu xtaq li jkun jaf minn qabel meta ikunu ser jinħarġu xi kwotazzjonijiet u s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet, li dawn inħarġu wara li ċ-*Chairman* ta' l-approvazzjoni tiegħu li dawn il-kwotazzjonijiet kienu jagħmlu parti mir-*refurbishment* ta' l-Uffiċċju Amministrattiv u li kopji tagħhom kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill ma' l-Aġenda kif ukoll, li Mattia Felice ma setax jagħmel xogħolu fil-*front office* minħabba nuqqas ta' apparat neċessarju.

Iċ-*Chairman* qal, li fl-opinjoni tiegħu s-Sejħa għall-Kwotazzjonijiet għandha tibda ssir bħas-Sejħa għall-Offerti (*tenders*) jiġifieri li titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma jiġu ppubblikati.

Il-Kunsill qabel unanimament.

L-*Assistant Principle* Fabian Borg spjega fid-dettal il-kwotazzjoni hawn fuq imsemmija u wieġeb għall-kjarifiki li għamlu l-membri tal-Kunsill fosthom rigward l-options li offrew id-ditta *Intercomp* fil-kwotazzjoni tagħhom.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li jekk wieħed jieħu inkonsiderazzjoni li hemm prijoritajiet oħra, u biex ma ssirx pressjoni fuq il-*cash flow*, ġa la darba r-*rack* mhux marbut bħala parti mis-*server*, din tista' titħalla u tinħareġ kwotazzjoni oħra wara li l-Kunsill jirċievi t-tieni *tranch* ta' l-allokazzjoni jiġifieri wara April 2010.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Wara diskussjoni qasia, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li mingħand id-ditta *Intercomp* jinxtraw:-

- *1 DELL Power Edge TM R710 Server €2,000 + VAT*
- *1 Windows Small Business Server 2008 STD €610 + VAT*
- *1 APC SMART-UPS 1500VA USB & SERIAL 230V RM €530 + VAT*

***GLC Quote 002/2010 – PBX & IP Phones***

**8.2.** Tqassmet *spread sheet* lill-Kunsillieri (ara *Appendix 2*) Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li erba' ditti kienu ssottomettew li kienu:

*IBIS Group – Pantalesco – ICT Solutions - Comsec*

Hi kompliet tgħid, li r-raġuni li d-ditta *Comsec* ma kienitx inkluża fl-i*spread sheet* kienet minħabba l-fatt, li għalkemm is-sottomissjonijiet kellhom jaslu sa l-24 ta' Frar 2010 sa nofs in-nhar, din waslet wara l-ħin.

Wara li ġew evalwati s-sottomissjonijiet kollha bir-reqqa u mill-ġdid saru diversi kjarifiki, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li tintgħażel id-ditta *ICT Solutions*

- *PBX - Cisco UC540W-FXO-K9* €2,568
- *6 Telephones – Cisco SPA504G* - €1,038
- *2 Telephones – Cisco CP–7942G* - €586

***GLC Quote 003/2010 – Laptops & Photocopier***

**8.3.** Tqassmet *spread sheet* lill-Kunsillieri (ara *Appendix 3*) Ħames ditti kienu ssottomettew li kienu:

*Merlin – Intercomp – Tabone – Forestals – Alfa*

*L-Assistant Principle* Fabian Borg spjega fid-dettal u ta l-informazzjoni kollha neċessarja dwar is-suġġet hawn fuq imsemmi.

Wara li saru xi kjarifiki, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċ-Sindku li jinxtraw mingħand id-ditta *Intercomp*:

- *2 DELL Latitude E5400 (laptops) €1,322 + VAT*

Fuq suġġeriment tal-Viċi-Sindku, l-Kunsillier Ian Micallef qal, li jekk ser jixtraw kemm is-*server* kif ukoll, il-*laptops* mingħand id-ditta *Intercomp* il-Kunsill jipprova għall-aktar *discount*.

***Photocopier***

L-erba' ditti li ssottomettew kienu:

*Intercomp – Tabone – Forestals – Alfa*

Matul id-diskussjoni li saret fejn Fabian Borg qal, fost affarijiet oħra, li l-unika ditta li offriet *leasing option* kienet id-ditta Alfa, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri li tintgħażel il-*leasing option* mingħand id-ditta hawn fuq imsemmija jiġifieri l-mudell *Sharp* AR-M207 *four in one* bil-kirja ta' €35.00 u l-*copy/print* ta' €0.01 fix-xahar inkluż il-VAT għal ħames snin.

**8.3.** Minħabba li kien sari l-ħin, il-laqgħa ġiet aġġornata għall-Erbgħa 3 ta' Marzu 2010 fil-5.30 p.m.

Kontinwazzjoni tal-laqgħa li bdiet il-Ħamis 25 ta' Frar 2010

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni għall-fatt, li meta kienu qed jiġu mħejjija l-*e-mails* ta' aċċettazzjoni ta' *item Nru: 8*, ġie notat li fir-rispett ta' *Quote GLC 002/2010* ma kienx ġie miżjud il-*VAT* u għalhekk, meta din reġgħet ġiet ikkalkulata, l-ammont qabeż il-massimu permessibbli skont il-liġi dwar il-kwotazzjonijiet. Għaldaqstant, kienet qed titlob li terġa' titressaq din il-materja għad-diskussjoni.

Filwaqt li l-Kunsill laqa' din it-talba, rtira d-deċiżjoni meħudha.

**8.3.** Tqassmet *spread sheet* lill-Kunsillieri (ara *Appendix 2*) Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li erba' ditti kienu ssottomettew li kienu:

*IBIS Group – Pantalesco – ICT Solutions - Comsec*

Wara li reġgħu ġew evalwati s-sottomissjonijiet kollha bir-reqqa u mill-ġdid saru diversi kjarifiki, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku li tintgħażel id-ditta *IBIS Group*

- *PBX – Asterisk on DELL power edge R200 Server €2,346 + VAT*
- *8 Telephones – CISCO SPA504G - €1,232.+ VAT*

**Korrispondenza**

**3.11.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li jinħareġ l-ammont ta' €120.00 għat-*tournament* tal-*Billiard* li kien ser jiġi organizzat mill-Kunsill Lokali fil-Gżira Boċċi Club.

**3.12.** Il-Kunsill ġie nfurmat bid-deċiżjoni li ttieħdet b'vot unanimu waqt il-laqgħa tas-Sindki li nżammet is-Sibt 27 ta' Frar 2010 dwar il-kwistjoni tal-ħlasijiet pendenti mill-MEPA li kienet:

- jiġi sospiż l-ipproċessar tal-kawżi tal-MEPA mit-Tribunali rispettivi
- ma jiġux aċċettati ħlasijiet ta' penali relatati ma' kontravenzjonijiet tal-MEPA, fil-Kunsilli Lokali.

Dan l-avviż għandu jibqa' fis-seħħ sakemm il-MEPA tonora l-ħlasijiet dovuti lill-Kumitati Konġunti.

**3.13.** Wara diskussjoni li saret dwar ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' rigward *Reserved Parking Bay* quddiem id-Dar ta' l-Anzjani tal-Gżira, ġie deċiż li l-Viċi-Sindku kien ser jieħu ħsieb din il-materja.

**3.14.** Rigward id-devoluzzjoni tax-Xatt, inqrat *e-mail* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie nfurmat, li din Il-applikazzjoni ma tistax tiġi evalwata fuq il-merti tal-proġett partikolari, qabel ma l-Kunsill jissottometti l-informazzjon dwar l-iżvilupp speċifiku ppjanat fix-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll, li *Memo* 25/1999 – Devoluzzjoni Lokali tispeċifika li trid tiġi ddikjarata n-nefqa globali tal-proġett.

**3.15.** Il-Kunsill ma qabilx li jsiru żewġ korsijiet ta' tlett siegħat għall-ammont ta' €150. kull wieħed u li għalih jistgħu jattendu sa massimu ta' ħmistax –il persuna, organizzati mill-kumpanija *CareMalta*.

**3.16.** Inqrat *e-mail* mibgħuta minn *The People for Change Foundation* rigward jekk Refuġjati setgħux jattendu *evening* jew *part-time courses* li jkunu qed jiġu organizzati mill-Kunsill, ġie deċiż unanimament li l-*policy* tal-Kunsill hi li l-korsijiet jiġu offruti biss, għar-residenti tal-lokalita'.

**3.17.** Il-Kunsill qabel unanimament ma' l-*e-mail* mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġu organizzati laqgħat informattivi mill-*Malta Communications Authority* dwar il-bidla lejn televiżjoni diġitali (*digital switchover*) fiċ-Ċentru t'Attivitajiet tal-Kunsill.

**3.18.** Inqrat talba mibgħuta mill-Kulleġġ ta' Stella Maris sabiex jitħaffer gandott rettangolari li jkun mgħotti bil-ħadid matul il-bankina fi Triq Emanuel Giordano sabiex l-ilma tax-xita li jinżel minn garaxx, jibqa' niżel fit-triq.

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu li l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Anthony Abela flimkien ma' George Cardona rappreżentant tal-Perit Bugeja jmorru jispezzjonaw dan ix-xogħol.

**3.19.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech li t-talbiet li saru mis-Sur Carmel Portelli, misl-Sur Anthony Stivala u mis-Sur George Cassar għal xiri ta' kotba, jiġu trattati f'*item* Nru: 11 Affarijiet Oħra.

**3.20.** Għat-talba ta' €466.24 li saret mis-Sinjura Olivia St. John għall-ispejjeż li għamlet minħabba nċident li kellha fil-31 ta' Jannar 2010, fi Triq ix-Xatt, ġie deċiż, li sakemm il-każ ma jkunx suffiċjentament pruvat, din it-talba ma tistax tiġi milqugħa.

**3.21.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet saret laqgħa mas-Sur Franco Naudi, rappreżentant tad-ditta *Active Enterprises Co. Ltd* u nqrat *e-mail* dwar proposti sabiex jiġu nstallati *Pedestrian/Street Advertising Barriers* f'siti prinċipali fil-lokalita' kif indikati fl-istess *e-mail*, li jservu kemm bħal *embellishment* kif ukoll, sigurta' għall-*pedestrians* li jkunu ser jaqsmu t-triq. Il-prezz huwa ta' €116. per annum għal kull *barrier* u kemm il-materjal, manutenzjoni, ħsarat u bdil ta' reklami jkunu responsabbilita' tad-ditta *Active Enterprises Co. Ltd*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela mal-proposti u l-kundizzjonijiet hawn fuq imsemmija iżda l-Kunsill irid ikun infurmat qabel ma tiġi nstallata xi waħda mill-*barriers* indikati sabiex tiġi ffirmata a *Letter of Agreement.* Il-Kunsill kien qed jippoponi wkoll, li jiġu nstallati *barriers* fuq in-naħa l-oħra ta' Triq il-Ġnien jiġifieri faċċata ta' RLR.

**3.22.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet intbagħtet ittra flimkien ma' *site plan* lid-Dipartiment ta' l-Artijiet għad-devoluzzjoni tal-garaxx Nru: 96 fi Triq Sliema, li hu propjeta' tal-Gvern Ċentrali, minħabba li minn informazzjoni li għandu l-Kunsill, dan jirriżulta battal.

**3.23.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 1628 sa Nru: 1672 (Ara *appendix* Nru: 4) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll, għall-approvazzjoni tal-Kunsill, dawn il-pagamenti:

- RF Centre - €260.00 materjal sabiex jinħadmu rigali minn membri li jattendu l-lezzjonijiet tal-*Crafts* biex jingħataw matul iż-żjajjar li jsiru lill-Anzjani matul ill-ġimgħa ta' Jum il-Gżira.

- Dipartiment ta' l-Artijiet - €232.94 kera annwali mit-08 ta' Marzu 2010 sas-07 ta' Marzu 2011 tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira.

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 1628 sa Nru. 1672 u l-ħlasijiet msemmija f'para 4.2. ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 5. Assenjar ta' Responsabbilitajiet tal-Kunsillieri

**5.1.** Il-Kunsill qabel unanimament li s-suġġett hawn fuq imsemmi, jiġi diskuss fl-laqgħa oħra.

## 6. Diskussjoni u Approvazzjoni għall-Pubblikazzjoni ta' Sejħa ta' Offerti għar-*re-surfacing* ta' Toroq – Immakulata Kunċizzjoni Nicola Cottoner – Samuel Taylor Coleridge

**6.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat, li kienet waslet risposta mibgħuta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma għall-ittra mibgħuta minn dan il-Kunsill lill-entitajiet konċernati fejn ġew infurmati biex jekk hemm xi xogħol li jrid isir fit-toroq hawn fuq msemmija, dan isir b'kordinazzjoni mal-Kunsill fl-istess perjodu li jkun qed isir ix-xogħol. Ir-risposta kienet tgħid li:

- l-*WSC* trid toħroġ LA lill-kuntrattur tal-Kunsill għas-*civil works* relatati mal-bdil tal-*water mains* u *house services*

- l-*WSC* għandha tħallas il-*pipe materials* kemm għall-*house services* u l-*mains* kif ukoll, l-ispejjeż għas-*civil works* għall-*house services* biss.

- Il-Kunsill Lokali jrid iħallas għas-*civil works* għall-bdil tal-*mains* biss u l-pagament ta' dan ix-xogħol għandu jintbagħat lill-*WSC* ġa la darba s-*civil works* fuq il-bdil tal-*pipes* ikunu lesti.

- L-estimi tas-*civil works* ta' dawn il-*mains* hu ta' €63,332.00 li huwa bbażat skont ir-rati tal-*WSC*.

- Il-kuntrattur mqabbad mill-Kunsill, ma jridx jagħmel ħsara jew jagħtti xi *surface boxes* eżistenti fuq xi *WSC accessories* moħbija bħal per eżempju *meters* u valvijiet.

Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż, li filwaqt li l-Kunsill kien ser ikompli bit-tħejjijiet neċessarji biex ikunu jistgħu jsiru x-xogħlijiet kif pjanati mandanakollu, ma kienx dispost li mill-fond finanzjarju tiegħu, jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li huma dovuti minn il-Korporazzjoni, la darba s-*civil works* ser isiru esklussivament biex jitpoġġew il-*water mains* li huma propjeta' tagħha.

Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv ressqet *draft letter* għall-approvazzjoni tal-Kunsill li kienet ser tintbagħat lil Onor Chris Said, lid-Direttur – Dipartiment għall-Gvern Lokali u lis-Sur Michael Cohen, President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn kienet ser tikkomunika id-deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, d-*draft letter* hawn fuq sopraċitata kif ukoll, li tinħareġ is-Sejħa għall-Offerti għar-*re-surfacing* tat-toroq hawn fuq imsemija u l-ammont għall-ġbir ta' kull *tender*, ikun ta' €100

## 7. Diskussjoni u Approvazzjoni għall-Pubblikazzjoni ta' Sejħa ta' Offerti għall-Ġbir ta' Skart Imħallat

